Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza, bi ksur tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, ikkunsidrat bħala ammissibbli motiv li r-rikorrenti fl-ewwel istanza qajmet għall-ewwel darba fir-replika tagħha u li kien jipprovdi li kienet aġixxiet *ultra vires*. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza, meta ddeċidiet għal-liema dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju kien qiegħed jirreferi t-tieni motiv tar-rikorrenti fl-ewwel istanza, qabżet hija wkoll il-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat fid-dritt il-portata tal-poteri tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 kif ukoll il-mod kif ġew eżerċitati. Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza, bi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 meta kkonstatat li l-Kummissjoni ma kellhiex il-poter sabiex, fil-kuntest tal-eżami tal-Pjanijiet Nazzjonali tal-Allokazzjonijiet II innotifikati lilha (iktar 'il quddiem il-"PNA II"), tapplika abbażi tal-kriterji tal-Anness III tad-Direttiva 2003/87 data dwar is-$CO_2$ mill-istess sors (il-Community Independent Transaction Log) fir-rigward tal-Istati Membri kollha għall-istess perijodu (2005) u sabiex tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq previżjonijiet dwar l-iżvilupp tal-prodott gross nazzjonali bejn l-2005 u l-2010 ippubblikati għall-Istati Membri kollha f'dan l-istess perijodu.

Fit-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, minħabba li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-għan u l-iskop tiegħu, meta ċaħħdet lill-Kummissjoni mid-dritt li, fl-evalwazzjoni ta' PNA II, ma tieħux inkunsiderazzjoni d-data użata għal kull Stat Membru u li tistabbilixxi, fid-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-PNA II adottata skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, limitu massimu għat-total ta' kwoti li l-Istat Membru jista' jalloka.

L-iskop tal-kontroll preliminari tan-NAP II taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 huwa li jintlaħaq l-għan tad-Direttiva, jiġifieri li jiġi inkoraġġit tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod effettiv fir-rigward tal-ispejjeż u b'mod li huwa ekonomikament effettiv, filwaqt li jkun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-sistema Komunitarja dwar kummerċ fi drittijiet ta' emissjoni. Peress li l-poter li tiġi adottata deċiżjoni li tirrifjuta PNA II huwa limitat fiż-żmien, meta jiġi interpretat il-mod kif il-Kummissjoni teżerċita l-kompetenzi ta' kontroll tagħha taħt l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tal-proċess globali ta' kontroll, jiġifieri li jiġi żgurat li dawk il-PNA II biss li jkunu konformi mal-kriterji tal-Anness III, b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-punti 1 sa 3, jiġu ddikjarati li huma definittivi u li jistgħu jservu ta' bażi għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar it-total ta' kwoti li jistgħu jallokaw.

Fil-kuntest tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-kontenut ġenerali tal-motivazzjoni mogħtija fil-ħames premessa tad-deċiżjoni kkontestata meta ddikjarat li l-Kummissjoni kien imissha spjegat, fid-deċiżjoni kkontestata, sa fejn id-data użata fil-PNA II tar-Repubblika tal-Polonja kienet "inqas affidabbli", u, fi kwalunkwe każ, attribwiet portata wiesgħa wisq lill-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 296 TFUE.

Fil-kuntest tar-raba' aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat b'mod żbaljat ir-rekwiżit dwar is-separazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata meta ddikjarat li l-punti 2 sa 5 tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni, li jikkonċernaw l-inkompatibbiltà tal-PNA II ma' kriterji tal-Anness III tad-Direttiva li huma differenti minn dawk li jikkonċernaw il-punti 1, ma jistgħux jiġu separati minn dawn il-punti tal-aħħar. L-evalwazzjoni żbaljata min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza waslet sabiex id-deċiżjoni kkontestata tiġi ddikjarata nulla fl-intier tagħha.

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 631

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Collège d'autorisation et de contrôle du Conseil supérieur de l'audiovisuel (Il-Belġju) fil-11 ta' Diċembru 2009 — RTL Belgium SA (li qabel kienet TVI SA) vs Conseil supérieur de l'audiovisuel**

**(Kawża C-517/08)**

(2010/C 51/30)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Collège d'autorisation et de contrôle du Conseil supérieur de l'audiovisuel

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* RTL Belgium SA (li qabel kienet TVI SA)

*Konvenut:* Conseil supérieur de l'audiovisuel

**Domanda preliminari**

(1) Il-kunċett ta' "stħarriġ effettiv kemm fl-għażla ta' programmi kif ukoll fl-organizzazzjoni tagħhom" taħt l-Artikolu 1(ċ) tad-Direttiva tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri, dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni ([1]) (direttiva "servizzi tal-midja awdjoviżiva") jista' jiġi interpretat fis-sens li kumpannija stabbilita fi Stat Membru u awtorizzata permezz ta'

liċenzja mill-Gvern tal-Istat Membru biex tipprovdi servizz tal-midja awdjoviżiva, effettivament teżerċita tali stharriġ, minkejja li hija tiddelega, bil-fakultà ta' subdelega, lil kumpannija terza stabbilita fi Stat Membru ieħor, bi ħlas ta' somma indeterminata li tikkorrispondi mat-total tad-dħul mill-bejgħ ta' pubbliċità magħmul mix-xandir ta' dan is-servizz, it-twettiq u l-produzzjoni tal-programmi kollha ta' dan is-servizz, il-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' informazzjoni dwar l-iskeda tal-programmi kif ukoll is-servizzi finanzjarji, legali, ta' riżorsi umani, ta' ġestjoni ta' infrastruttura u servizzi oħra relatati mal-persunal, u minkejja li jirriżulta li huwa fis-sede tal-kumpannija terza li qed jiġi deċiż u jitwettaq l-assemblaġġ tal-programmi, it-tħassir eventwali tagħhom u t-tibdil fl-iskeda tal-programmi minħabba ġrajjiet kurrenti?

(1) Direttiva tal-Kunsill 89/552KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 298, p.23).

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Rumanija

**(Kawża C-522/09)**

(2010/C 51/31)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Recchia u L. Bouyon, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Rumanija

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, billi naqset milli tikklassifika b'mod suffiċjenti, kemm fin-numru kif ukoll fid-daqs, bħala żoni speċjali ta' protezzjoni, l-iktar territorji adatti għall-protezzjoni tal-ispeċi ta' għasafar elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 79/409/KEE (1) kif ukoll tal-ispeċi migratorji li jirritornaw b'mod regolari fit-territorju tagħha, ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva.

— tikkundanna lir-Rumanija għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, kif emendata, tirregola l-konservazzjoni tal-ispeċi kollha ta' għasafar selvaġġi li jinsabu fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri. L-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva huma applikabbli għar-Rumanija mid-data tal-adeżjoni tagħha (fl-1 ta' Jannar 2007) u, konsegwentement, ir-Rumanija għandha l-obbligu li twettaq, b'mod konformi mal-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva msemmija, il-klassifikazzjoni taż-żoni speċjali ta' protezzjoni fit-territorju tagħha.

Insegwitu għall-eżami taż-żoni speċjali ta' protezzjoni kklassifikati mill-awtoritajiet Rumeni, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li tali klassifikazzjoni tat-territorji l-iktar adatti bħala żoni speċjali ta' protezzjoni mhijiex biżżejjed fin-numru u fid-daqs.

F'dan il-każ, iż-żoni kklassifikati mir-Rumanija bħala żoni speċjali ta' protezzjoni ġew eżaminati fid-dawl tal-Inventarju taż-Żoni Importanti għall-Għasafar imwettaq mill-organizzazzjoni Birdlife International, u fid-dawl ta' analiżi simili mwettqa mis-Societatea Ornitologică Română. Il-proċedura għall-klassifikazzjoni taż-żoni importanti għall-għasafar fir-Rumanija ntemmet fl-2007, u wasslet għall-klassifikazzjoni ta' 130 żona importanti għall-għasafar.

Fuq total ta' 130 żona importanti għall-għasafar, b'superfiċi ta' 4 157 500 ettaru, l-awtoritajiet Rumeni kklassifikaw bħala żoni speċjali ta' protezzjoni 108 żoni biss, b'superfiċi ta' 2 998 700 ettaru. Minn fost dawn il-108 żoni, 38 biss ġew ikklassifikati kompletament bħala żoni speċjali ta' protezzjoni.

Bl-istess mod, 21 żona importanti għall-għasafar, b'superfiċi ta' 341 013 ettaru, għadhom ma ġewx ikklassifikati bħala żoni speċjali ta' protezzjoni fir-Rumanija, u d-daqs ta' 71 żona speċjali ta' protezzjoni huwa ferm differenti minn dak taż-żoni importanti għall-għasafar.

Barra minn hekk, għalkemm 71 żona importanti għall-għasafar ma ġewx ikklassifikati kompletament bħala żoni speċjali ta' protezzjoni u 21 żona importanti għall-għasafar ma ġewx inklużi fil-proċedura ta' klassifikazzjoni, l-awtoritajiet Rumeni ma ppreżentaw l-ebda inventarju u l-ebda metodoloġija xjentifika li jiġġustifikaw tali disprekanzi bejn iż-żoni importanti għall-għasafar u ż-żoni speċjali ta' protezzjoni li ġew ikklassifikati.

Tali nuqqas ta' klassifikazzjoni, kif ukoll il-klassifikazzjoni parzjali tad-diversi żoni importanti għall-għasafar iwasslu għal nuqqas ta' miżuri ta' protezzjoni anki f'dak li jirrigwarda l-ispeċi msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 79/409/KEE, kif ukoll f'dak li jirrigwarda lill-ispeċi migratorji, bi ksur tal-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 79/409.